

Linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud

Werrej

Introduzzjoni	3
Definizzjonijiet	3
Data ta' applikazzjoni	4
Linja gwida 1 – Servizzi ta' cloud u esternalizzazzjoni	5
Linja gwida 2 – Prinċipji ġenerali ta' governanza għall-esternalizzazzjoni tal-cloud	5
Linja gwida 3 – Aġġornament tal-politika miktuba dwar l-esternalizzazzjoni	5
Linja gwida 4 – Notifika bil-miktub lill-awtorità superviżorja	6
Linja gwida 5 – Rekwiżiti ta' dokumentazzjoni	7
Linja gwida 6 – Analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni	8
Linja gwida 7 – Valutazzjoni ta' funzjonijiet u attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti ...	8
Linja gwida 8 – Valutazzjoni tar-riskju tal-esternalizzazzjoni tal-cloud	9
Linja gwida 9 - Diliġenza dovuta fuq il-fornitur ta' servizz ta' cloud	10
Linja gwida 10 – Rekwiżiti kuntrattwali.....	10
Linja gwida 11 - Drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar.....	12
Linja gwida 12 - Sigurtà tad- <i>data</i> u tas-sistemi	13
Linja gwida 13 – Subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti	14
Linja gwida 14 - Monitoraġġ u sorveljanza ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ..	15
Linja gwida 15 - Drittijiet ta' terminazzjoni u strateġiji ta' ħruġ	15
Linja gwida 16 - Superviżjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud minn awtoritajiet superviżorji.....	16
Regoli dwar il-konformità u r-rapportar	17
Dispożizzjoni finali dwar ir-rieżami	17

Introduzzjoni

1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010¹, l-EIOPA toħroġ linji gwida biex tipprovdi gwida lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni dwar kif id-dispożizzjonijiet tal-esternalizzazzjoni stipulati fid-Direttiva 2009/138/KE² ("id-Direttiva Solvibilità II ") u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/35³ ("Regolament Delegat") jeħtieġ li jiġu applikati fil-każ ta' esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud.
2. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikoli 13(28), 38 u 49 tad-Direttiva dwar is-Solvibilità II u l-Artikolu 274 tar-Regolament Delegat. Barra minn hekk, dawn il-Linji Gwida jibnu wkoll fuq il-gwida pprovduta mil-Linji Gwida tal-EIOPA dwar is-Sistema ta' Governanza (EIOPA-BoS-14/253).
3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti biex jipprovdu gwida dwar kif l-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni (b'mod kollettiv" imprisza(i)) għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni previsti fl-atti legali msemmija hawn fuq fil-kuntest ta' esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud.
4. Il-Linji Gwida japplikaw kemm għal impriszi individwali kif ukoll *mutatis mutandis* għall-gruppi.

L-entitajiet soġġetti għal rekwiżiti settorjali oħra, li huma parti minn grupp, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida fil-livell individwali peress li jridu jseguw r-rekwiżiti speċifiċi settorjali kif ukoll il-gwida rilevanti maħruġa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

5. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni u subesternalizzazzjoni intragrupp lill-fornituri ta' servizz ta' cloud, dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu applikati flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-EIOPA dwar is-Sistema ta' Governanza dwar l-esternalizzazzjoni intragrupp.
6. L-impriszi u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jikkonformaw jew jissorveljaw il-konformità ma' dawn il-Linji Gwida, iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità⁴ u l-kritikalità jew l-importanza tas-servizz esternalizzat lill-fornituri ta' servizz ta' cloud. Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiżgura li l-arranġamenti ta' governanza, inklużi dawk relatati mal-esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud, ikunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji sottostanti.
7. Dawn il-Linji Gwida għandhom jinqraw flimkien u mingħajr preġudizzju għal-Linji Gwida tal-EIOPA dwar is-Sistema ta' Governanza u l-obbligi regolatorji elenkati fil-paragrafu 1.

Definizzjonijiet

8. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
9. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

² Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibilità II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibilità II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1)

⁴ L-Artikolu 29(3) tad-Direttiva dwar is-Solvibilità II.

Fornitur ta' servizz	tfisser entità ta' parti terza li qed twettaq proċess, servizz jew attività, jew partijiet minnhom, taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni.
Fornitur ta' servizz ta' cloud	tfisser fornitur ta' servizz, kif definit hawn fuq, responsabbli biex jipprovdi servizzi ta' cloud taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni.
Servizzi ta' cloud	tfisser servizzi pprovduiti permezz tal-cloud computing, jiġifieri mudell li jippermetti aċċess għal netwerk ubikwitarju, konvenjenti, fuq talba għal ġabra komuni ta' riżorsi tal-computing konfigurabbli (eż. networks, servers, ħżin, applikazzjonijiet u servizzi) li jistgħu jiġu furnuti malajr u jiġu rilaxxati bi sforz minimu ta' ġestjoni jew b'interazzjoni minima tal-fornitur ta' servizz.
Cloud pubbliku	tfisser infrastruttura ta' cloud disponibbli għal użu wiesa' mill-pubbliku ġenerali.
Cloud privat	tfisser infrastruttura ta' cloud disponibbli għall-użu esklussiv minn impriża waħda.
Cloud ta' komunità	tfisser infrastruttura ta' cloud disponibbli għall-użu esklussiv minn komunità speċifika ta' impriżi, pereżempju diversi impriżi ta' grupp wieħed.
Cloud ibridu	tfisser infrastruttura ta' cloud li hija magħmula minn żewġ infrastrutturi distinti ta' cloud jew aktar.

Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 għall-arranġamenti kollha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jkunu saru jew ġew emendati fi jew wara din id-data.
11. L-impriżi għandhom jirrieżaminaw u jemendaw kif xieraq l-arranġamenti eżistenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud relatati ma' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti bl-għan li tiġi żgurata l-konformità ma' dawn il-Linji Gwida sal-31 ta' Diċembru 2022.
12. Fejn ir-rieżami ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud relatati ma' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti ma jkunx finalizzati sal-31 ta' Diċembru 2022, l-impriża għandha tinforma lill-awtorità superviżorja⁵ tagħha dwar dak il-fatt, inklużi l-miżuri ppjanati sabiex tlesti r-rieżami jew l-istrateġija ta' fruġ possibbli. L-awtorità superviżorja tista' taqbel mal-impriża fuq perjodu ta' żmien estiż għat-tlestija ta' dan ir-rieżami, fejn xieraq.
13. L-aġġornament (fejn meħtieġ) tal-politiki u l-proċessi interni tal-impriża għandu jsir sal-1 ta' Jannar 2021 filwaqt li r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni għall-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud relatati ma' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2022.

⁵ L-Artikolu 13(10) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II.

Linja gwida 1 – Servizzi ta' cloud u esternalizzazzjoni

14. L-impriża għandha tistabbilixxi jekk arranġament ma' fornitur ta' servizz ta' cloud jaqax taħt id-definizzjoni ta' esternalizzazzjoni skont id-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II. Fi ħdan il-valutazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat:
 - a. jekk il-funzjoni jew l-attività operazzjonali (jew parti minnha) esternalizzata titwettaqx fuq bażi rikorrenti jew bażi kontinwa; u
 - b. jekk din il-funzjoni jew l-attività operazzjonali (jew parti minnha) normalment taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali li jitwettqu jew li jistgħu jitwettqu mill-impriża matul l-attivitajiet kummerċjali regolari tagħha, anki jekk l-impriża ma tkunx wettqet din il-funzjoni jew attività operazzjonali fil-passat.
15. Meta arranġament ma' fornitur ta' servizz ikopri funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali multipli, l-impriża għandha tikkunsidra l-aspetti kollha tal-arranġament fi ħdan il-valutazzjoni tagħha.
16. F'każijiet fejn l-impriża testernalizza funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali lil fornituri tas-servizzi li mhumiex fornituri ta' servizz ta' cloud iżda li jiddependu b'mod sinifikanti fuq infrastrutturi tal-cloud biex jipprovdu s-servizzi tagħhom (pereżempju, fejn il-fornitur ta' servizz ta' cloud ikun parti minn katina ta' subesternalizzazzjoni), l-arranġament għal tali esternalizzazzjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida.

Linja gwida 2 – Prinċipji ġenerali ta' governanza għall-esternalizzazzjoni tal-cloud

17. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 274(3) tar-Regolament Delegat, il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża ("AMSB") għandu jiżgura li kwalunkwe deċiżjoni ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti lill-fornituri ta' servizz ta' cloud tkun ibbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju, inklużi r-riskji rilevanti kollha implikati mill-arranġament bħalma huma t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ("ICT"), il-kontinwità tan-negozju, legali u konformità, il-konċentrazzjoni, riskji operazzjonali oħrajn, u r-riskji assoċjati mal-migrazzjoni tad-*data* u/jew il-fażi ta' implimentazzjoni, fejn applikabbli.
18. F'każ ta' esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti, l-impriża, fejn xieraq, għandha tirrifletti l-bidliet fil-profil tar-riskju tagħha minħabba l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud tagħha fil-valutazzjoni tar-riskju u s-solvenza tagħha stess ("ORSA").
19. L-użu tas-servizzi tal-cloud għandu jkun konsistenti mal-istrateġiji tal-impriża (pereżempju, l-istrateġija tal-ICT, l-istrateġija tas-sigurtà tal-informazzjoni, l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali) u l-politiki u l-proċessi interni, li għandhom jiġu aġġornati, jekk ikun hemm bżonn.

Linja gwida 3 – Aġġornament tal-politika miktuba dwar l-esternalizzazzjoni

20. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud, l-impriża għandha taġġorna l-politika ta' esternalizzazzjoni bil-miktub (pereżempju, billi tirrevediha, iżżid appendiċi separat jew tiżviluppa politiki dedikati ġodda) u l-politiki interni rilevanti l-oħra (pereżempju, is-sigurtà tal-informazzjoni), filwaqt li tqis l-ispeċifitàt tal-esternalizzazzjoni tal-cloud tal-anqas fl-oqsma li ġejjin:

- a. ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-funzjonijiet tal-impriża involuti, b'mod partikolari l-AMSB, u l-funzjonijiet responsabbli għall-ICT, is-sigurtà tal-informazzjoni, il-konformità, il-ġestjoni tar-riskju u l-awditjar intern;
- b. il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar meħtieġa għall-approvazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-ġestjoni u t-tiġdid, fejn applikabbli, tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud relatati ma' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti;
- c. is-sorveljanza tas-servizzi tal-cloud b'mod proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fis-servizzi pprovduti, inklużi (i) il-valutazzjoni tar-riskju ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u ta' diliġenza dovuta fuq il-fornituri ta' servizz ta' cloud, inkluża l-frekwenza tal-valutazzjoni tar-riskju; (ii) il-kontrolli tal-monitoraġġ u l-ġestjoni (pereżempju, verifika tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz); (iii) standards u kontrolli tas-sigurtà;
- d. fir-rigward tal-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti, għandha ssir referenza għar-rekwiżiti kuntrattwali kif deskritti fil-Linja Gwida 10;
- e. rekwiżiti ta' dokumentazzjoni u notifika bil-miktub lill-awtorità superviżorja rigward l-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti;
- f. fir-rigward ta' kull arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jkopri funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti, rekwiżit għal "strateġija ta' ħruġ" dokumentata u, fejn xieraq, ittestjata biżżejjed li tkun proporzjonata għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fis-servizzi pprovduti. L-istrateġija ta' ħruġ tista' tinvolvi firxa ta' proċessi ta' terminazzjoni, inklużi iżda mhux neċessarjament limitati għal, twaqqif, integrazzjoni mill-ġdid jew trasferiment tas-servizzi inklużi fl-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud.

Linja gwida 4 – Notifika bil-miktub lill-awtorità superviżorja

21. Ir-rekwiżiti ta' notifika bil-miktub stabbiliti fl-Artikolu 49(3) tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II u li huma aktar dettaljati mil-Linji Gwida tal-EIOPA dwar is-Sistema ta' Governanza huma applikabbli għall-esternalizzazzjoni kollha ta' funzjonijiet u attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti lill-fornituri ta' servizz ta' cloud. Fil-każ li funzjoni jew attività operazzjonali esternalizzata preċedentement klassifikata bħala mhux kritika jew mhux importanti ssir kritika jew importanti, l-impriża għandha tinnotifika lill-awtorità superviżorja.
22. In-notifika bil-miktub tal-impriża għandha tinkludi, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
 - a. deskrizzjoni qasira tal-funzjoni jew tal-attività operazzjonali esternalizzata;
 - b. id-data tal-bidu u, kif applikabbli, id-data li jmiss tat-tiġdid tal-kuntratt, id-data tat-tmiem u/jew il-perjodi ta' avviż għall-fornitur ta' servizz ta' cloud u għall-impriża;
 - c. il-liġi li tirregola l-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
 - d. l-isem tal-fornitur ta' servizz ta' cloud, in-numru tar-reġistrazzjoni korporattiva, l-identifikatur tal-entità legali (fejn disponibbli), l-indirizz irreġistrat u dettalji ta' kuntatt rilevanti oħra, u l-isem tal-kumpanija omm tiegħu (jekk hemm); f'każ ta' gruppi, jekk il-fornitur ta' servizz ta' cloud huwiex parti mill-grupp;
 - e. is-servizzi ta' cloud u l-mudelli ta' użu, (jiġifieri pubbliku/privat/ibridu/komunitarju) u n-natura speċifika tad-*data* li għandha

tinżamm u l-lokalitajiet (jiġifieri l-pajjiżi jew ir-reġjuni) fejn se tinħażen tali *data*;

- f. sommarju fil-qosor tar-raġunijiet għaliex il-funzjoni jew l-attività operazzjonali esternalizzata titqies bħala kritika jew importanti;
- g. id-data tal-aktar valutazzjoni riċenti fir-rigward tal-kritikalità jew tal-importanza tal-funzjoni jew attività operazzjonali esternalizzata.

Linja gwida 5 – Rekwiżiti ta' dokumentazzjoni

- 23. Bħala parti mis-sistema ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju tagħha, l-impriża għandha żżomm rekord tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud tagħha, pereżempju, fil-forma ta' reġistru ddedikat li jinżamm aġġornat matul iż-żmien. L-impriża għandha wkoll iżżomm reġistru ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud mitmuma għal perjodu ta' żamma xieraq soġġett għal regolamentazzjoni nazzjonali.
- 24. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti, l-impriża għandha tirreġistra l-informazzjoni kollha li ġejja:
 - a. l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità superviżorja msemmija fil-Linja Gwida 4;
 - b. fil-każ ta' gruppi, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u impriżi oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali li jagħmlu użu mis-servizzi ta' cloud;
 - c. id-data tal-aktar valutazzjoni tar-riskju riċenti u sommarju fil-qosor tar-riżultati ewlenin;
 - d. il-korp individwali jew tat-teħid ta' deċiżjonijiet (pereżempju l-AMSB) fl-impriża li tkun approvat l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
 - e. id-dati tal-aktar awditi riċenti u tal-awditi skedati li jmiss, fejn applikabbli;
 - f. l-ismijiet ta' kwalunkwe sottokuntrattur li jiġu subesternalizzati lilu partijiet materjali ta' funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti inkluż il-pajjiżi fejn huma rreġistrati s-sottokuntratturi, fejn se jitwettaq is-servizz u, jekk applikabbli, il-lokalitajiet (jiġifieri l-pajjiżi jew ir-reġjuni) fejn se tinħażen id-*data*;
 - g. riżultat tal-valutazzjoni tas-sostitwibbiltà tal-fornitur ta' servizz ta' cloud (pereżempju faċli, diffiċli jew impossibbli);
 - h. jekk il-funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti esternalizzata tappoġġjax l-operazzjonijiet tan-negozju li jkunu urġenti;
 - i. l-istima tal-kostijiet tal-baġit annwali;
 - j. jekk l-impriża għandhiex strateġija ta' ħruġ f'każ ta' terminazzjoni minn kwalunkwe parti jew interruzzjoni tas-servizzi mill-fornitur ta' servizz ta' cloud.
- 25. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali mhux kritiċi jew mhux importanti, l-impriża għandha tiddefinixxi l-informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata fuq il-bażi tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fis-servizzi pprovduti mill-fornitur ta' servizz ta' cloud.
- 26. L-impriża għandha tagħmel disponibbli għall-awtorità superviżorja, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tippermetti lill-awtorità superviżorja twettaq superviżjoni tal-impriża, inkluża kopja tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni.

Linja gwida 6 – Analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni

27. Qabel ma tidħol fi kwalunkwe arranġament ma' fornituri ta' servizzi ta' cloud, l-impriża għandha:

- a. tivvaluta jekk l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud jikkonċernax funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti skont il-Linja Gwida 7;
- b. tidentifika u tivvaluta r-riskji rilevanti kollha tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud skont il-Linja Gwida 8;
- c. twettaq diliġenza dovuta xierqa fuq il-fornitur ta' servizz ta' cloud prospettiv skont il-Linja Gwida 9;
- d. tidentifika u tivvaluta l-kunflitti ta' interess li l-esternalizzazzjoni tista' tikkawża f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 274(3)(b) tar-Regolament Delegat.

Linja gwida 7 – Valutazzjoni ta' funzjonijiet u attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti

28. Qabel ma tidħol fi kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni ma' fornituri ta' servizz ta' cloud, l-impriża għandha tivvaluta jekk l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud huwiex relatat ma' funzjoni jew attività operazzjonali li hija kritika jew importanti. Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni, fejn rilevanti, l-impriża għandha tikkunsidra jekk l-arranġament għandux il-potenzjal li jsir kritiku jew importanti fil-futur. L-impriża għandha wkoll tivvaluta mill-ġdid il-kritikalità jew l-importanza tal-funzjoni jew l-attività operazzjonali li qabel kienet esternalizzata lill-fornituri ta' servizz ta' cloud, jekk in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fil-ftehim jinbidlu b'mod materjali.

29. Fil-valutazzjoni, l-impriża għandha tqis, tal-anqas flimkien mar-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju, il-fatturi li ġejjin:

- a. l-impatt potenzjali ta' kwalunkwe interruzzjoni materjali fil-funzjoni jew attività operazzjonali esternalizzata jew in-nuqqas tal-fornitur ta' servizz ta' cloud li jipprovdni s-servizzi fil-livelli ta' servizz miftiehma fuq:
 - i. il-konformità kontinwa tal-impriża mal-obbligi regolatorji tagħha;
 - ii. ir-reżiljenza u l-vijabbiltà finanzjarja u ta' solvenza qasira u fit-tul tal-impriża;
 - iii. il-kontinwità tan-negozju u r-reżiljenza operazzjonali tal-impriża;
 - iv. ir-riskju operazzjonali, inklużi r-riskji relatati mal-imġiba, l-ICT u dawk legali tal-impriża;
 - v. ir-riskji għar-reputazzjoni tal-impriża.
- b. l-impatt potenzjali tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fuq il-kapaċità tal-impriża li:
 - i. tidentifika, timmonitorja u tiġġestixxi r-riskji rilevanti kollha;
 - ii. tikkonforma mar-rekwiżiti legali u regolatorji kollha;
 - iii. twettaq awditjar xieraq fir-rigward tal-funzjoni jew l-attività operazzjonali esternalizzata.
- c. l-esponiment aggregat tal-impriża (u/jew tal-grupp fejn applikabbli) għall-istess fornitur ta' servizz ta' cloud u l-impatt kumulattiv potenzjali tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fl-istess linja ta' azzjoni;

- d. id-daqs u l-kumplessità ta' kwalunkwe linja ta' azzjoni tal-impriża affettwata mill-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
- e. l-abbiltà, jekk meħtieġ jew mixtieġ, li jiġi trasferit l-arranġament propost ta' esternalizzazzjoni tal-cloud lil fornitur ieħor ta' servizz ta' cloud jew li jintegra mill-ġdid is-servizzi ("sostitwibbiltà");
- f. il-protezzjoni ta' *data* personali u mhux personali u l-impatt potenzjali fuq l-impriża, id-detenturi ta' polza jew suġġetti oħra rilevanti ta' ksur ta' kunfidenzjalità jew nuqqas li tiġi żgurata d-disponibbiltà u l-integrità tad-*data* abbażi *inter alia* r-Regolament (UE) Nru 2016/679⁶. L-impriża għandha b'mod partikolari tikkunsidra *data* li tkun sigriet tan-negozju u/jew sensitiva (pereżempju, *data* dwar is-saħħa tad-detenturi ta' poloz).

Linja gwida 8 – Valutazzjoni tar-riskju tal-esternalizzazzjoni tal-cloud

- 30. B'mod ġenerali, l-impriża għandha tadotta approċċ proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fis-servizzi esternalizzati lill-fornituri ta' servizz ta' cloud. Dan jinkludi, il-valutazzjoni tal-impatt potenzjali ta' kwalunkwe esternalizzazzjoni tal-cloud, b'mod partikolari, fuq ir-riskji operazzjonali u għar-reputazzjoni tagħhom.
- 31. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti lill-fornituri ta' servizz ta' cloud, impriża għandha:
 - a. tikkunsidra l-benefiċċji u l-kostijiet mistennija tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud propost, inkluż l-ippeżar ta' kwalunkwe riskju sinifikanti li jista' jitnaqqas jew jiġi ġestit aħjar kontra kwalunkwe riskju sinifikanti li jista' jirriżulta bħala riżultat tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud propost.
 - b. tivvaluta, fejn applikabbli u xieraq, ir-riskji, inklużi riskji legali, tal-ICT, ta' konformità u għar-reputazzjoni, u l-limitazzjonijiet ta' sorveljanza li jirriżultaw minn:
 - i. is-servizz ta' cloud magħżul u l-mudelli ta' użu proposti (jiġifieri pubbliċi/privati/ibridi/komunitarji);
 - ii. il-migrazzjoni u/jew l-implimentazzjoni;
 - iii. l-attivitajiet u d-*data* u s-sistemi relatati li qed jiġu kkunsidrati biex jiġu esternalizzati (jew li ġew esternalizzati) u s-sensittività u l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa tagħhom;
 - iv. l-istabbiltà politika u s-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-pajjiżi (ġewwa jew barra l-UE) fejn is-servizzi esternalizzati huma pprovduti jew jistgħu jiġu pprovduti u fejn hija maħżuna jew x'aktarx se tiġi maħżuna d-*data*. Il-valutazzjoni għandha tikkunsidra:
 - 1. il-liġijiet fis-seħħ, inklużi l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data*;
 - 2. id-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar tal-liġi fis-seħħ;
 - 3. id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-insolvenza li japplikaw fl-eventwalità ta' nuqqas ta' fornitur ta' servizz u kwalunkwe

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

restrizzjoni li tirriżulta fir-rigward tal-irkupru urġenti tad-*data* tal-impriża;

- v. is-subesternalizzazzjoni, inklużi r-riskji addizzjonali li jistgħu jirriżultaw jekk is-sottokuntrattur ikun jinsab f'pajjiż terz jew f'pajjiż differenti mill-fornitur ta' servizz ta' cloud u r-riskju li ktajjen twal u kumplessi tas-subesternalizzazzjoni jnaqqsu l-kapaċità tal-impriża li tissorvelja l-funzjonijiet jew l-attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti tagħha u l-kapaċità tal-awtoritajiet superviżorji li jissorveljawhom b'mod effettiv;
 - vi. ir-riskju tal-konċentrazzjoni globali tal-impriża għall-istess fornitur ta' servizz ta' cloud, inkluża l-esternalizzazzjoni lil fornitur ta' servizz ta' cloud li ma jkunx faċilment sostitwibbli jew arranġamenti ta' esternalizzazzjoni multipli mal-istess fornitur ta' servizz ta' cloud. Meta tivvaluta r-riskju tal-konċentrazzjoni, l-impriża (u/jew il-Grupp, fejn applikabbli) għandha tqis l-arranġamenti kollha tagħha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ma' dak il-fornitur ta' cloud.
32. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha titwettaq qabel ma tidħol f'esternalizzazzjoni tal-cloud. Jekk l-impriża ssir konxja ta' nuqqasijiet sinifikanti u/jew bidliet sinifikanti fis-servizzi pprovduti jew fis-sitwazzjoni tal-fornitur ta' servizz ta' cloud, il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi rieżaminata jew imwettqa mill-ġdid minnufih. F'każ ta' tiġdid ta' arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jikkonċerna l-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu (pereżempju, it-*tkabbir* tal-kamp ta' applikazzjoni jew l-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' funzjonijiet operazzjonali kritiċi jew importanti li qabel ma kinux inklużi), għandha terġa' ssir valutazzjoni tar-riskju.

Linja gwida 9 - Diligjenza dovuta fuq il-fornitur ta' servizz ta' cloud

33. L-impriża għandha tiżgura fil-proċess tal-għażla u tal-valutazzjoni tagħha li l-fornitur ta' servizz ta' cloud ikun adatt skont il-kriterji definiti mill-politika ta' esternalizzazzjoni bil-miktub tagħha.
34. Id-diligjenza dovuta fuq il-fornitur ta' servizz ta' cloud għandha titwettaq qabel l-esternalizzazzjoni ta' kwalunkwe funzjoni jew attività operazzjonali. F'każ li l-impriża tidħol fit-tieni ftehim ma' fornitur ta' servizzi ta' cloud li jkun diġà ġie vvalutat, l-impriża għandha tiddetermina, fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jekk hijiex meħtieġa t-tieni diligjenza dovuta. Jekk l-impriża ssir konxja ta' nuqqasijiet sinifikanti u/jew bidliet sinifikanti fis-servizzi pprovduti jew is-sitwazzjoni tal-fornitur ta' servizz ta' cloud, id-diligjenza dovuta għandha tiġi rieżaminata jew imwettqa mill-ġdid minnufih.
35. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet operazzjonali kritiċi jew importanti, id-diligjenza dovuta għandha tinkludi evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-fornitur ta' servizz ta' cloud (pereżempju, *ħiliet*, infrastruttura, sitwazzjoni ekonomika, status korporattiv u regolatorju). Fejn xieraq, l-impriża tista' tuża biex tappoġġa d-diligjenza dovuta li tkun wettqet l-evidenza, *ċertifikazzjonijiet* ibbażati fuq standards internazzjonali, rapporti ta' awditjar ta' partijiet terzi rikonnoxuti jew rapporti ta' awditjar intern.

Linja gwida 10 – Rekwiżiti kuntrattwali

36. Id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-impriża u tal-fornitur ta' servizz ta' cloud għandhom ikunu allokati b'mod ċar u stabbiliti fi ftehim bil-miktub.
37. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti definiti fl-Artikolu 274 tar-Regolament Delegat, fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali

kritiċi jew importanti lil fornitur ta' servizz ta' cloud, il-ftehim bil-miktub bejn l-impriża u l-fornitur ta' servizzi ta' cloud għandu jstabbilixxi:

- a. deskrizzjoni ċara tal-funzjoni esternalizzata li għandha tiġi pprovduta (servizzi ta' cloud, inkluż it-tip ta' servizzi ta' appoġġ);
- b. id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem, fejn applikabbli, tal-ftehim u l-perjodi ta' avviż għall-fornitur ta' servizz ta' cloud u għall-impriża;
- c. il-ġurisdizzjoni tal-qorti u l-liġi regolatorja tal-ftehim;
- d. l-obbligi finanzjarji tal-partijiet;
- e. jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti (jew partijiet materjali tagħha) hijiex permessa, u, jekk iva, il-kondizzjonijiet li s-subesternalizzazzjoni sinifikanti hija soġġetta għalihom (ara l-Linja gwida 13);
- f. il-lokalità (lokalitajiet) (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi) fejn se tinħażen u tiġi pproċessata d-*data* rilevanti (il-lokalità taċ-ċentri tad-*data*), u l-kondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati, inkluż ir-rekwiżit li l-impriża tiġi nnotifikata jekk il-fornitur ta' servizz jipproponi li tinbidel il-lokalità (lokalitajiet);
- g. id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà, l-integrità, il-kunfidenzjalità, il-privatezza u s-sigurtà tad-*data* rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet tal-Linja gwida 12;
- h. id-dritt li l-impriża timmonitorja l-prestazzjoni tal-fornitur ta' servizz ta' cloud fuq bażi regolari;
- i. il-livelli tas-servizz miftiehma li għandhom jinkludu miri ta' prestazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi preċiżi sabiex jippermettu li jsir monitoraġġ fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa mingħajr dewmien bla bżonn jekk il-livelli tas-servizz miftiehma ma jiġux issodisfati;
- j. l-obbligi ta' rapportar tal-fornitur ta' servizz ta' cloud tal-impriża, inkluż, kif xieraq, l-obbligi li jiġu ppreżentati rapporti rilevanti għall-funzjoni ta' sigurtà u l-funzjonijiet ewlenin tal-impriża, bħal rapporti tal-funzjoni ta' awditjar intern tal-fornitur ta' servizz ta' cloud;
- k. jekk il-fornitur ta' servizz ta' cloud għandux jieħu assigurazzjoni obligatorja kontra ċerti riskji u, jekk applikabbli, il-livell tal-kopertura tal-assigurazzjoni mitluba;
- l. ir-rekwiżiti biex jiġu implimentati u ttestjati pjanijiet ta' kontinġenza tan-negozju;
- m. ir-rekwiżit għall-fornitur ta' servizz ta' cloud li jagħti lill-impriża, lill-awtoritajiet superviżorji tagħha u lil kwalunkwe persuna oħra maħtura mill-impriża jew mill-awtoritajiet superviżorji, dan li ġej:
 - i. aċċess sħiħ għall-bini tan-negozju kollu rilevanti (uffiċċji prinċipali u ċentri tal-operazzjoni), inkluża l-firxa sħiħa ta' tagħmir, sistemi, networks, informazzjoni u *data* rilevanti li jintużaw biex tiġi pprovduta l-funzjoni esternalizzata, inkluża informazzjoni finanzjarja relatata, il-persunal u l-awdituri esterni tal-fornitur ta' servizz ta' cloud ("drittijiet ta' aċċess");
 - ii. drittijiet bla restrizzjoni ta' spezzjoni u awditjar relatati mal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ("drittijiet ta' awditjar"), sabiex dawn ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-arranġament ta'

esternalizzazzjoni u jiżguraw konformità mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali applikabbli kollha;

- n. dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-*data* li hija proprjetà tal-impriża tkun tista' tiġi rkuprata minnufih mill-impriża fil-każ tal-insolvenza, ir-riżoluzzjoni jew il-waqfien tal-operazzjonijiet tan-negozju tal-fornitur ta' servizz ta' cloud.

Linja gwida 11 - Drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar

38. Il-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ma għandux jillimita l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar tal-impriża kif ukoll għażliet ta' kontroll fuq servizzi ta' cloud sabiex tissodisfa l-obbligi regolatorji tagħha.
39. L-impriża għandha teżerċita d-drittijiet tagħha ta' aċċess u ta' awditjar, tiddetermina l-frekwenza tal-awditjar u l-oqsma u s-servizzi li għandhom jiġu awditjati skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, skont it-Taqsima 8 tal-Linji Gwida tal-EIOPA dwar is-Sistema ta' Governanza.
40. Waqt li tiddetermina l-frekwenza u l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċitar tagħha tad-drittijiet ta' aċċess jew ta' awditjar, l-impriża għandha tikkunsidra jekk l-esternalizzazzjoni tal-cloud hijiex relatata ma' funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti, in-natura u l-firxa tar-riskju u l-impatt fuq l-impriża mill-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud.
41. Jekk l-eżerċitar tad-drittijiet tagħha ta' aċċess jew awditjar, jew l-użu ta' ċerti tekniki tal-awditjar joħloq riskju għall-ambjent tal-fornitur ta' servizz ta' cloud u/jew klijent ieħor tal-fornitur ta' servizz ta' cloud (pereżempju, l-impatt fuq il-livelli ta' servizz, id-disponibbiltà ta' *data*, aspetti ta' kunfidenzjalità), l-impriża u l-fornitur ta' servizz ta' cloud għandhom jaqblu dwar modi alternattivi biex jipprovdu livell simili ta' assigurazzjoni u servizz għall-impriża (pereżempju, l-inklużjoni ta' kontrolli speċifiċi li għandhom jiġu ttestjati f'rapport/ċertifikazzjoni speċifiċi prodotti mill-fornitur ta' servizz ta' cloud).
42. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà finali tagħhom rigward l-attivitajiet imwettqa mill-fornituri ta' servizz ta' cloud tagħhom, sabiex jużaw ir-riżorsi tal-awditjar b'mod aktar effiċjenti u jnaqqsu l-piż organizzattiv fuq il-fornitur ta' servizz ta' cloud u l-klijenti tiegħu, l-impriżi jistgħu jużaw:
- a. ċertifikazzjonijiet ta' parti terza u rapporti tal-awditjar ta' parti terza jew interni li jkunu magħmula disponibbli mill-fornitur ta' servizz ta' cloud;
 - b. awditi miġbura (jiġifieri mwettqa b'mod konġunt ma' klijenti oħra tal-istess furnitur ta' servizz ta' cloud), jew awditi miġbura mwettqa minn parti terza maħtura minnhom.
43. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew aktivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti, l-impriżi għandhom jagħmlu użu mill-metodu msemmi fil-paragrafu 42(a) biss jekk dawn:
- a. jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni jew tar-rapport tal-awditjar ikopri s-sistemi (jiġifieri l-proċessi, l-applikazzjonijiet, l-infrastruttura, iċ-ċentri tad-*data*, eċċ.) u l-kontrolli identifikati mill-impriża u jivvaluta l-konformità ma' rekwiżiti regolatorji rilevanti;
 - b. jivvalutaw bir-reqqa l-kontenut ta' ċertifikazzjonijiet jew rapporti tal-awditjar ġodda fuq bażi regolari u jivverifikaw li ċ-ċertifikazzjonijiet jew ir-rapporti mhumiex skaduti;
 - c. jiżguraw li s-sistemi u l-kontrolli ewlenin ikunu koperti fil-verżjonijiet futuri taċ-ċertifikazzjoni jew tar-rapport tal-awditjar;

- d. ikunu sodisfatti bil-kapaċità tal-parti li tiċċertifika jew li twettaq l-awditu (pereżempju fir-rigward tar-rotazzjoni tal-kumpanija li tiċċertifika jew li twettaq l-awditu, il-kwalifiki, l-għarfien espert, it-twettiq mill-ġdid/il-verifika tal-evidenza fil-fajl tal-awditjar sottostanti);
 - e. ikunu sodisfatti li jinħarġu ċertifikazzjonijiet u li l-awditi jitwettqu skont standards xierqa u jinkludu test tal-effettività operazzjonali tal-kontrolli ewlenin fis-seħħ;
 - f. ikollhom id-dritt kuntrattwali li jitolbu l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjonijiet jew tar-rapporti tal-awditjar għal sistemi u kontrolli oħra rilevanti; l-għadd u l-frekwenza ta' tali talbiet għall-modifika tal-kamp ta' applikazzjoni għandhom ikunu raġonevoli u leġittimi minn perspettiva tal-ġestjoni tar-riskju;
 - g. iżommu d-dritt kuntrattwali li jwettqu awditi individwali fuq il-post fid-diskrezzjoni tagħhom fir-rigward tal-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti; tali dritt għandu jiġi eżerċitat fil-każ ta' ħtiġijiet speċifiċi li mhumiex possibbli permezz ta' tipi oħra ta' interazzjonijiet mal-fornitur ta' servizz ta' cloud.
44. Fir-rigward tal-esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud ta' funzjonijiet operazzjonali kritiċi jew importanti, l-imprezza għandha tivvaluta jekk iċ-ċertifikazzjonijiet u r-rapporti ta' parti terza kif imsemmi fil-paragrafu 42(a) humiex xierqa u biżżejjed biex jikkonformaw mal-obbligi regolatorji tagħha, u fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, ma għandhomx jiddependu biss fuq dawn ir-rapporti u ċ-ċertifikazzjonijiet maż-żmien.
45. Qabel iżjara ppjanata fuq il-post, il-parti li teżerċita d-dritt tagħha ta' aċċess (imprezza, awditur jew parti terza li taġixxi f'isem l-imprezza(i)) għandha tipprovdi avviż minn qabel fi żmien raġonevoli, sakemm ma kinitx possibbli notifika bikrija minn qabel minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' kriżi. Tali avviż għandu jinkludi l-post u l-iskop taż-żjara u l-persunal li se jipparteċipa fiż-żjara.
46. Meta jitqies li s-soluzzjonijiet tal-cloud għandhom livell għoli ta' kumplessità teknika, l-imprezza għandha tivverifika li l-persunal li jwettaq l-awditu – kemm jekk ikunu l-awdituri interni tagħha jew il-grupp ta' awdituri li jaġixxu f'isimha, jew l-awdituri maħtura tal-fornitur ta' servizz ta' cloud – jew, kif xieraq, il-persunal li jirrevedi ċ-ċertifikazzjoni tal-parti terza jew ir-rapporti tal-awditjar tal-fornitur ta' servizz ikunu kisbu l-ħiliet u l-għarfien xieraq biex iwettqu l-awditi u/jew il-valutazzjonijiet rilevanti.

Linja gwida 12 - Sigurtà tad-*data* u tas-sistemi

47. L-imprezza għandha tiżgura li l-fornituri ta' servizz ta' cloud jikkonformaw mar-regolamenti Ewropej u nazzjonali kif ukoll standards xierqa tas-sigurtà tal-ICT.
48. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti lill-fornituri ta' servizz ta' cloud, l-imprezza għandha tiddefinixxi addizzjonalment rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà tal-informazzjoni fil-ftehim ta' esternalizzazzjoni u tissorvelja l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti fuq bażi regolari.
49. Għall-finijiet tal-paragrafu 48, fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti lill-fornituri ta' servizz ta' cloud, l-imprezza, bl-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, u filwaqt li tikkunsidra r-responsabbiltajiet tagħha u dawk tal-fornitur ta' servizz ta' cloud, għandha:
- a. taqbel dwar rwoli u responsabbiltajiet ċari bejn il-fornitur ta' servizz ta' cloud u l-imprezza fir-rigward tal-funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali affettwati mill-esternalizzazzjoni tal-cloud, li għandhom jinqasmu b'mod ċar;

- b. tiddefinixxi u tiddeċiedi dwar livell adegwat ta' protezzjoni ta' *data* kunfidezzjali, tal-kontinwità tal-attivitàjiet esternalizzati, u tal-integrità u t-traċċabbiltà tad-*data* u s-sistemi fil-kuntest tal-esternalizzazzjoni maħsuba tal-cloud.
- c. fejn ikun meħtieġ, tikkunsidra miżuri speċifiċi għal *data* fi tranżitu, *data* f'memorja u *data* wieqfa, pereżempju, l-użu ta' teknoloġiji ta' kriptaġġ flimkien ma' persunal manigġerjali ewlieni;
- d. tikkunsidra l-mekkaniżmi ta' integrazzjoni tas-servizzi ta' cloud mas-sistemi tal-impriża, pereżempju, l-Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet u proċess sod ta' ġestjoni tal-utenti u l-aċċess;
- e. tiżgura kuntrattwalment li d-disponibbiltà tat-traffiku tan-netwerk u l-kapaċità mistennija jissodisfaw rekwiżiti ta' kontinwità qawwija, fejn applikabbli u fattibbli;
- f. tiddefinixxi u tiddeċiedi dwar rekwiżiti ta' kontinwità xierqa li jiżguraw livelli adegwati f'kull livell tal-katina teknoloġika, fejn applikabbli;
- g. ikollha proċess ta' ġestjoni tal-inċidenti sod u dokumentat sew li jinkludi r-responsabbiltajiet rispettivi, pereżempju, permezz tad-definizzjoni ta' mudell ta' kooperazzjoni f'każ li jseħħu inċidenti attwali jew suspettati;
- h. tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ħażna tad-*data* u lokalità (lokalitajiet) tal-ipproċessar tad-*data* (jiġifieri pajjiż jew reġjun) u kunsiderazzjonijiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni;
- i. timmonitorja l-issodisfar tar-rekwiżiti relatati mal-effettività u l-effiċjenza tal-mekkaniżmi ta' kontroll implimentati mill-fornitur ta' servizz ta' cloud li jnaqqas ir-riskji relatati mas-servizzi pprovduti.

Linja gwida 13 – Subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitàjiet operazzjonali kritiċi jew importanti

50. Jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operazzjonali kritiċi jew importanti (jew parti minnhom) tiġi permessa, il-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud bejn l-impriża u l-fornitur ta' servizz ta' cloud għandu:
- a. jispeċifika kwalunkwe tip ta' attività li hija eskluża mis-subesternalizzazzjoni potenzjali;
 - b. jindika l-kondizzjonijiet li trid issir konformità magħhom fil-każ tas-subesternalizzazzjoni (pereżempju, li s-subesternalizzatur se jikkonforma bis-sħiħ ukoll mal-obbligi rilevanti tal-fornitur ta' servizz ta' cloud). Dawn l-obbligi jinkludu d-drittijiet ta' awditjar u ta' aċċess u s-sigurtà tad-*data* u s-sistemi;
 - c. jindika li l-fornitur ta' servizz ta' cloud iżomm ir-responsabbiltà u s-sorveljanza sħiħa għas-servizzi subesternalizzati;
 - d. jinkludi obbligu għall-fornitur ta' servizz ta' cloud biex jinforma lill-impriża dwar kwalunkwe bidla sinifikanti ppjanata fis-sottokuntratturi jew fis-servizzi sottokuntrattati li tista' taffettwa l-kapaċità tal-fornitur ta' servizz li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud. Il-perjodu ta' notifika għal dawn il-bidliet għandu jippermetti lill-impriża, biex tal-anqas, twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-effetti tal-bidliet proposti qabel tidħol fis-seħħ il-bidla attwali fis-sottoesternalizzaturi jew fis-servizzi subesternalizzati;
 - e. jiżgura, f'każijiet fejn fornitur ta' servizz ta' cloud jippjana bidliet għal sottoesternalizzatur jew servizzi subesternalizzati li jkollhom effett negattiv fuq il-valutazzjoni tar-riskju tas-servizzi miftiehma, li l-impriża jkollha d-dritt li toġġezzjona għal tali bidliet u/jew id-dritt li ttemm u li toħroġ mill-kuntratt.

Linja gwida 14 - Monitoraġġ u sorveljanza ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud

51. L-impriża għandha timmonitorja, fuq bażi regolari, il-prestazzjoni tal-attivitajiet, il-miżuri ta' sigurtà u l-aderenza mal-livell tas-servizz maqbul mill-fornituri ta' servizz ta' cloud tagħhom fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. L-enfasi ewlenija għandha tkun fuq l-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet operazzjonali kritiċi u importanti.
52. Sabiex tagħmel dan, l-impriża għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza, li għandhom iqisu, fejn fattibbli u xieraq, il-preżenza ta' subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operazzjonali kritiċi jew importanti jew parti minnhom.
53. L-AMSB għandu jkun aġġornat perjodikament dwar ir-riskji identifikati fl-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti.
54. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ u s-sorveljanza adegwata tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud tagħhom, l-impriża għandhom jużaw biżżejjed riżorsi b'ħiliet u għarfien adegwat biex jimmonitorjaw is-servizzi esternalizzati lill-cloud. Il-persunal tal-impriża responsabbli minn dawn l-attivitajiet għandu jkollu kemm għarfien dwar l-ICT kif ukoll dwar in-negozju kif meqjus meħtieġ.

Linja gwida 15 - Drittijiet ta' terminazzjoni u strateġiji ta' ħruġ

55. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti, fi ħdan il-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud l-impriża għandu jkollha klawżola ta' strateġija ta' ħruġ definita b'mod ċar li tiżgura li tkun tista' ttejjem l-arranġament, fejn meħtieġ. It-terminazzjoni għandha ssir possibbli mingħajr detriment għall-kontinwità u l-kwalità tal-forniment tas-servizzi tagħha lid-detenturi ta' polza. Biex jinkiseb dan, l-impriża għandha:
 - a. tiżviluppa pjanijiet ta' ħruġ li huma komprensivi, ibbażati fuq is-servizz, dokumentati u ttestjati b'mod suffiċjenti (pereżempju, billi twettaq analiżi tal-kostijiet, l-impatti, ir-riżorsi u l-implikazzjonijiet tal-ħin potenzjali tal-għażliet ta' ħruġ potenzjali varji);
 - b. tidentifika soluzzjonijiet alternattivi u tiżviluppa pjanijiet ta' tranżizzjoni xierqa u fattibbli li jippermettu lill-impriża tneħħi u tittrasferixxi attivitajiet u *data* eżistenti mill-fornitur ta' servizz ta' cloud għal fornituri ta' servizz alternattiv jew lura għall-impriża. Dawn is-soluzzjonijiet għandhom jiġu definiti fir-rigward tal-isfidi li jistgħu jirriżultaw minħabba l-lok tad-*data*, filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju matul il-fażi ta' tranżizzjoni;
 - c. tiżgura li l-fornitur ta' servizz ta' cloud jappoġġa b'mod adegwat lill-impriża meta tittrasferixxi d-*data*, is-sistemi jew l-applikazzjonijiet esternalizzati lil fornitur ta' servizz ieħor jew direttament lill-impriża;
 - d. taqbel mal-fornitur ta' servizz ta' cloud li ladarba tiġi ttrasferita mill-ġdid lill-impriża, id-*data* tiegħu se titħassar kompletament u b'mod sigur mill-fornitur ta' servizz ta' cloud fir-reġjuni kollha.
56. Meta tiżviluppa strateġiji ta' ħruġ, l-impriża għandha tikkunsidra dan li ġej:
 - a. tiddefinixxi l-oġġettivi tal-istrateġija ta' ħruġ;

- b. tiddefinixxi l-eventi skattaturi (pereżempju, indikaturi tar-riskju ewlieni li jirrapportaw livell mhux aċċettabbli ta' servizz) li jistgħu jattivaw l-istrateġija ta' ħruġ;
- c. twettaq analiżi tal-impatt tan-negozju b'mod proporzjonat mal-attivitajiet esternalizzati sabiex tidentifika liema riżorsi umani u oħrajn ikunu meħtieġa biex timplimenta l-pjan ta' ħruġ u l-ammont ta' żmien meħtieġ;
- d. tassenja rwoli u responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-pjanijiet ta' ħruġ u l-attivitajiet ta' tranżizzjoni;
- e. tiddefinixxi kriterji ta' suċċess tat-tranżizzjoni.

Linja gwida 16 - Superviżjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud minn awtoritajiet superviżorji

57. L-awtoritajiet superviżorji għandhom iwettqu l-analiżi tal-impatti li jirriżultaw minn arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud tal-impriżi bħala parti mill-proċess ta' rieżami superviżorju tagħhom. L-analiżi tal-impatti għandha tiffoka, b'mod partikolari, fuq l-arranġamenti relatati mal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti.
58. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw ir-riskji li ġejjin fis-superviżjoni tal-arranġamenti tal-esternalizzazzjoni tal-cloud tal-impriżi:
- a. riskji tal-ICT;
 - b. riskji operazzjonali oħra (inkluż riskju legali u ta' konformità, ta' esternalizzazzjoni u riskju ta' ġestjoni ta' partijiet terzi);
 - c. riskju għar-reputazzjoni;
 - d. riskju tal-konċentrazzjoni, inkluż fil-livell ta' pajjiż/settur.
59. Fi ħdan il-valutazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jinkludu l-aspetti li ġejjin fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju:
- a. l-adegwatezza u l-effettività tal-governanza tal-impriża u l-proċessi operazzjonali relatati mal-approvazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-ġestjoni u t-tiġdid tal-arranġamenti tal-esternalizzazzjoni tal-cloud;
 - b. jekk l-impriża għandhiex riżorsi biżżejjed b'ħiliet u għarfien adegwat biex timmonitorja s-servizzi esternalizzati lill-cloud;
 - c. jekk l-impriża tidentifikax u timmanigjjax ir-riskji kollha enfasizzati minn dawn il-Linji gwida.
60. Fil-każ ta' gruppi, is-superviżur tal-grupp għandu jiżgura li l-impatti tal-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti jkunu riflessi fil-valutazzjoni tar-riskju superviżorja tal-grupp, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti elenkati fil-paragrafi 58-59 u l-karatteristiċi ta' governanza individwali u dawk operazzjonali tal-grupp.
61. Jekk l-esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti tinvolvi aktar minn impriża waħda fi Stati Membri differenti u tiġi ġestita b'mod ċentrali mill-kumpanija omm jew minn kumpanija sussidjarja ta' grupp (pereżempju, impriża jew kumpanija ta' servizzi ta' grupp bħall-fornitur tal-ICT tal-grupp), is-superviżur tal-grupp u/jew l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-impriżi involuti fl-esternalizzazzjoni tal-cloud, għandhom jiddiskutu, fejn xieraq, l-impatti tal-esternalizzazzjoni tal-cloud għall-profil ta' riskju tal-grupp fil-Kulleġġ tas-Superviżuri.

62. Meta jiġi identifikat tħassib li jwassal għall-konklużjoni li impriża m'għadx għandha arranġamenti ta' governanza sodi fis-seħħ jew ma tikkonformax mar-rekwiżiti regolatorji, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa, li jistgħu jinkludu, pereżempju, li l-impriża tkun meħtieġa li ttejjeb l-arranġament ta' governanza, li tillimita jew tirristretta l-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonijiet esternalizzati jew li teħtieġ li toħroġ minn arranġament tal-esternalizzazzjoni wieħed jew aktar. B'mod partikolari, meta tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li l-impriża topera b'mod kontinwu, il-kanċellazzjoni tal-kuntratti tista' tintalab jekk is-superviżjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji ma jkunux jistgħu jiġu żgurati b'miżuri oħra.

Regoli dwar il-konformità u r-rapportar

63. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. Skont l-Artikolu 16(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji huma meħtieġa jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.

64. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li għandhom il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

65. L-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għannuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

66. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu bħala mhux konformi mar-rapportar u jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni finali dwar ir-rieżami

67. Il-Linji Gwida preżenti se jiġu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.